# Il- Gzira Manoel



F'Dak li huma meqjus bħala wieħed mill- Muzewijiet importanti li għandna fil Gżejjer Maltin li jinsab fil Belt Kapitali tagħna, jigifieri il-Muzew tal-Arti, hemm kwadru interessanti ħafna li fih naraw xena mill-isbaħ tal Gzira Manoel , meta din fuqha kull ma kien hemm kien biss il-Forti mibni waqt il-ħakma ta' dan il-Gran Mastru li tiegħu din il parti ta' Malta iggib l-isem.

Dan il-Kwadru huwa xogħol tal-artist Malti Giorgio Pullicino li għex bejn is-sena 1779 u ssena 1852. Huwa kien mil Belt Valletta u studja l-arti fl-Accdemia di San Luca bejn l-1797 u l-1800. Minn hemmhekk huwa kiseb erba midalji ta' prestigju kbir għax-xogħolijiet li għamel. ta' min jgħid li kemm dam l-Italja Pillicino rrnexxielu jikseb isem bħala artist mit-tajbin iżda meta rritorna lura Malta u fetaħ il-ħanut tiegħu fi Triq San Pawl fil-Belt huwa ma tantx għamel isem man nies tal-lokal. Dan wassal biex il-parti l- kbira tax-xogħolijiet li kien jagħmel kienu jispiċċaw barra minn Malta, bħal ma ġralu dan il-kwadru tal-Forti Manoel li biex qiegħed fil-Mużew ta' l-Arti,i kellu jinxtara minn Londra fis-ena 1912.

Meta pinġa dan il-kwadru l-artist jidher li mar fuq l-għolja fejn illum nafuha bħala tas-Savoy. Minn hemmhekk huwa seta' jara parti sewwa minn din ol-gżira ċkejkna kif ukoll parti sewwa mill-Port ta' Marsammxett u l-Belt Valletta.

Evidenti sew f'din ix-xena is-saħħa tal-Flotta ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Dan għaliex fix-xena naraw għadd ġmielu ta' xwieni kbar itajru l-bandiera ħamra.

Hawnhekk l-Artist ried jagħti l-impressjoni ta' kemm kienet differenti l-ħajja minn dik tal-Belt għal dik tal-Kampanja. Fil-waqt li fil-parti ta' fuq tal-kwadru l-artist qagħad jidħol fid-dettallji tal-ji tal-bini tal-Belt Valletta bid-diversi Knejjes u l-bini għoli, fil-parti ta' fejn kien qiegħed ipetter din ix-xena huwa jagħtina x'nifhmu kemm kienet trankwill l-ħajja f'dawn l-inħawi.

Mara riekba fuq il-ħmar b'raġel miexi warajha, fil-waqt li quddiemhom naraw kaless miħud minn żiemel. Aktar l'hinn fix-xena trejqa li twassal għal razzett f'nofs ir-raba b'mara riekba fuq ħmar mgħobbi bil-ħaxix u raġel miexi biswithom. Din hi ta' razzett ieħor ftit il-bogħod u l-bqija raba maħdum.

Ħlief għall-bini tal-Forti Manoel fuq il-Gżira bini ieħor xejn. Dan jindika li dan il-lok kellu importanza Marittima qawwija għall-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, kif kellu wara kollox aktar tard meta din il-Fortizza għaddiet f'idejn is-Servizzi Ingliżi meta l-Imperu Ingliż kien fl-aqwa tiegħu fis-snin ta' wara.

L-Importanza ta' Manoel Island kif nafuha llum hija totalment differenti minn dik ta' dan iż-żmien ma' għadd kbir ta' opri tal-baħar li jsbu kenn fuq din il-gżira waqt ix-xhur tax-Xitwa. Fis snin li ġejjin ser naraq tibdil ġdid fuq din il-ġżira, tibdil li jġib miegħu l-progress, tibdil li ser ikompli
jispjega l-importanza ta' din il-parti ta' Malta li tinbidel skond il-bżonn tal-mument.

L-importanza huwa li jekk hemm xi parti minn din il-Gżira li tista' tibqa' titgawda minn nies tal-Gżira din ghandhiex tiġi mittiefsa. Dan għall-ġid ta' dawk li jgħixu fl-inħawi u li jfittxu post xi ftit miftuħ biex jqattaw il-ħin tal-mistrieħ tagħhom,

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD/



Mario Fenech.

Ġunju 2005.